bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Larry Lagana’, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ awissu, 1976
u
Christian Laganan, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ ottubru, 1980
u
Matthew Laganan, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ novembru, 1982
u
Marlon Galea, iben Lawrence, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ frar, 1981
u
Johann Spiteri, iben Saviour, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ april, 1983
u
Petrovich Coreschi, iben Anthony, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ awissu, 1983

Illum, 7 ta’ mejju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –

1. talli ġewwa l-‘football ground’ tas-Siġġiewi, u barra, fi Triq Salvu Mallia, Siġġiewi, nhar is-sibt, 18 ta’ marzu, 2000 għal ħabta tat-3.30 p.m., mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta’ Lawrence Bugeja minn Wied il-Għajn f’periklu ċar ikkaġunaw ħsara fil-ġisem tiegħu billi ħebbew għalih u tawh daqqiet ta’ sieq u daqqiet ta’ ponn fuq diversi partijiet ta’ ġismu u b’hekk ikkaġunawlu ferita ta’ natura gravi per durata, li tikkonsisti fi ksur fi driegħu tal-lemin li kkaġunat debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem tiegħu, kif ukoll diversi feriti oħra ta’ natura ħafifa skond ma ċċertifika Dr. Mark Xuereb M.D. tad-Dipartiment ta’ l-Emergenza ta’ l-isptar San Luqa;

2. talli fl-istess lok, jum, ħin, u ċirkostanżi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' fuq il-vettura tal-għamla Peugeot 205, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAO 068, għad-dannu ta' Charles Borg mis-Siġġiewi, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda mhux il-ħames mitt liri maltin (Lm500);
3. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanżi volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bi ġlied u għajjat.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' kundanna tissospendi lill-imputati kollha milli jidħlu fil-'football ground' tas-Siġġiewi u ġewwa 'football grounds' oħra f'dawn il-Gżejjer għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax il-xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' frar, 2001 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

Fil-konfront tal-imputati kollha –

(a) fl-artikoli 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali; u

(b) fl-artikoli 325(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' mejju, 2001 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-18 ta' marzu, 2000 fil-'football ground' tas-Siġġiewi kien hemm logħba bejn it-team tal-Fgura u dak tal-Vittoriosa fil-kategorija tal-'minors'. Lejn l-aħħar ta' din il-logħba l-imputat Matthew Laganan, li dak in-nhar kien qed jilgħab mat-team ta' Vittoriosa, ġie mkeċċi mir-referee. Matthew Laganan mar ħdejn is-supporters u fosthom kien hemm ħutu, Larry Lagana' u Christian Laganan, tnejn mill-imputata l-oħra. Sar diskors bejn l-aħwa li wara li tispiċċa l-logħba jmorru għal ċertu Renzo Kurt Cumbo li skond huma kien il-kawża tat-tkeċċija ta' l-imputat Matthew Laganan.

Illi fil-ħin li sar dan id-diskors Lawrence Bugeja, li dak in-nhar kien Viċi-President tal-Fgura sema' dan id-diskors u dak il-ħin ma qal xejn. Kif spiċċat il-logħba s-sitwazzjoni dehret li kkalmat iżda waqt li l-players kienu ħierġin mill-'ground', it-tlett imputati hawn fuq imsemmija jiġifieri Larry Lagana', Christian Laganan u Matthew Laganan dehru sejrin lejn Renzo Kurt Cumbo. Lawrence Bugeja li kien jaf x'seta' jiġri resaq lejn Cumbo u firdu minn dawn l-imputati. Mid-dehra dan Cumbo kien il-mira designata tal-players ta' Vittoriosa u l-azzjoni ta' Lawrence Bugeja ma

nizzlitx tajjeb magħhom għaliex l-imputat Petrovich Coreschi, player ieħor ta' Vittoriosa mbotta lil Lawrence Bugeja għal fuq karozza li kienet ipparkajata barra l-'ground'. Lawrence Bugeja waqa' mal-art u l-imputati kollha bdew ituh bis-sieq u bl-idejn. Lawrence Bugeja xehed li l-imputat Larry Lagana' kissirlu idu b'daqqa ta' sieq.

Illi konsegwenza ta' dan l-attakk Lawrence Bugeja sofra feriti ta' natura hafifa fuq partijiet oħra ta' ġismu apparti li kissrulu idejh ix-xelluqija. Skond it-tabib speċjalista li kkura lil Lawrence Bugeja rrizulta li dik kienet ferita gravi per durata iżda li l-id kienet fieqet daqsxejn mgħawġa, jiġifieri kien hemm "malunion". Inoltre, Lawrence Bugeja li xehed tlett xhur wara l-inċident ma kienx għadu f'kondizzjoni li jerġa jidħol għax-xogħol.

Illi preżenti għal dan l-inċident kien hemm xhieda oħra okulari u kkonfermaw li raw lill-imputati kollha jagħtu lil Lawrence Bugeja għal ebda raġuni. Għalhekk, jirrizulta li l-imputat Larry Lagana' hu responsabbli għall-feriti ta' natura gravi li sofra Lawrence Bugeja u l-imputati l-oħra huma responsabbli għall-feriti ta' natura ħafifa li sofra l-istess Bugeja. Għandu jiġi sottolinjat li l-aħwa Lagana' Laganan huwa dawk li huma l-iktar responsabbli għal dak li ġara. Ħaġa oħra li għandha tiġi osservata hi li l-imputat Marlon Galea dak iż-żmien kien osservatur fil-Kunsill tal-Malta Football Association u player tal-Vittoriosa. Marlon Galea kien hemm ukoll bħala uffiċjal tal-Club.

Illi għal dak li tirrigwarda l-karozza tal-għamla Peogeot 205, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAO 068, proprjeta' ta' Charles Borg, jirrizulta li l-imputati kollha huma responsabbli għall-ħsara li saret fiha. Il-ħsara ġiet stmata fis-somma ta' sittin liri maltin (Lm60) u din il-ħsara ġiet imħallsa a tenur tar-regoli tal-Malta Football Association.

Għaldaqstant, issib lill-imputati kollha ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 215, 216, 218, 325(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Rat li l-komportament tal-imputati ma jista' qatt ikun ġustifikat wisq anqas approvat meta wieħed jikkonsidra li dak li ġara kien waqt logħba, u aktar u aktar, logħba tal-'minors'. Il-messaġġ għandu jkun wieħed ċar li dan it-tip ta' komportament mhux tollerabbli u aċċettabbli qatt. Għalhekk, tikkundanna lil Larry Lagana' għal piena ta' tnax il-xahar priġunerija. Tikkundanna lil Christian Laganan għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Tikkundanna lil Matthew Laganan għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt liri maltin (Lm300). Tikkundanna lil Marlon Galea għal piena ta' tlett xhur priġunerija. Tikkundanna lil Johann Spiteri għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100). Tikundanna lil Petrovich Goreschi għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100). Inoltre, tinibixxi lill-imputati kollha milli jidħlu fi kwalunkwe 'ground tal-football' jew kumpless ieħor sportiv f'dawn il-Gzejjer għal perjodu ta' tlett snin mil-lum.